MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2013

Avviz Numru. 386/2006

**Elmo Insurance Limited**
(C 3500)
vs
**Korporazjoni ghas-Servizz tal-Ilma**

Illum 25 ta' Marzu 2013

Il-Qorti,

Rat l-avviz ippresentat fis 6 ta' Dicembru 2006 fejn is-socjeta attrici talbet lill-dina l-Qorti tikkundanna lis-socjeta intimata thallas is-somma ta' tlett elef, sebgha mija u tmienja u temini Liri Maltin (LM3,788), ekwivalenti ghal tmint elef, tmien mija u sitta u ghoxrin Euro (€8,826), u dana bhala danni illi l-istess socjeta rikorrenti kellha thallas lill-assikurat taghha, Edwin Vella, rizultat ta'

ingress ta’ ilma u hsara konseqwenzali gewwa il-fond tal-assikurat taghha fi 37, St. Catherine Street, Zejtun fil 11 ta’ Novembru 2004.

Rat illi l-korporazzjoni intimata, fid 9 ta’ Jannar 2007 eccepiet illi l-fatti kienu infondati fil-fatt u fid-dritt, filwaqt illi sussegwetement, f’eccezzjoni ulterjuri ippresntata fis 16 ta’ Mejju 2007, gie eccepit in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni a tenur tal-Avviz Legali 165 tal-2006.

Rat illi, fit 30 ta’ Ottubru 2007, l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ guridizzjoni giet michuda mill-Qorti fejn qalet, ‘inter alia”:-

“Illi ghalhekk, filwaqt li tirrispengi r-risposta ulterjuri tal-Korporazzjoni konvenuta, tqis li tali risposta effettivament tisfjora d-disprezz lejn l-Awtorita’ tal-Qorti stante lik ienet intiza biss biex tahli l-hin taghha, liema hin ghandu jkun utilizat b’mod aktar ifokat - u biex tissottolinea l-fatt li mhux qieghda hawn biex tinvesti vertenzi intuili, frivoli u gia legislattivament cari, tirriserva li tesplora dan l-agir fid-dawl ta’ dan, jekk ikun il-kaz.”

Rat ix-xhieda ta’ Mariello Spiteri, Perit imqabbad mis-socjeta rikorrenti bie jispezzjona l-fond ta’ Edwin Vella, moghtija fit 28 ta’ Novembru 2007.

Rat ix-xhieda ta’ Jeffrey Scorey, Claims Manager tas-socjeta rikorrenti, mogthija fit 30 ta’ April 2008 u d-dokmentazzjoni relattiva minnu esebita.

Rat ix-xhieda ta’ Edwin Vella, propretarju tal-fond 37, St. Catherine Street, Zejtun u assikurat tas-socjeta rikorrenti moghtija fit 8 ta’ Ottubru 2008.

Rat ix-xhieda ta’ Samuel Agius, Claims Manager tas-socjeta rikorrenti illi personalment ha hsieb it-talba ta’ Edwin Vella, moghtija fit 18 ta’ Marzu 2009.

Rat illi fit 18 ta’ Marzu 2009, is-socjeta rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x’tippresenta.

Rat ix-xhieda in kontro ezami ta’ Edwin Vella moghtija fl-24 ta’ Novembru 2009.

Rat ix-xhieda ta’ Joseph Portelli, Field Office fi hdan l-Awtorita Dwar it-Trasport f’Malta, moghtija fit 2 ta’ Novembru 2010.

Rat ix-xhieda ta’ Jeffrey Scorey in kontro ezami moghtija fid 9 ta’ Frar 2011.

Semghet ix-xhieda ta’ Hansel Mallia, senior administrator fi hdan il-Korporazzjoni intimata, moghtija fil 21 ta’ Ottubru 2011 u, in kontro ezami, fis 27 ta’ Jannar 2012.

Semghet ix-xhieda ta’ John Agius, Foreman tal-Korporazzjoni intimata, moghtija fit 18 ta’ Jannar 2013.

Ikkunsidrat

Illi, fil-kaz in ezami, jirrizulta illi l-assikurat tas-socjeta rikorrenti, ossija Edwin Vella, fil-11 ta’ Novembru 2004 beda jinduna illi kien qieghed jidhollu ilma fil-parti ta’ isfel ossija ‘basement’ tad-dar tieghu illi tinstab taht it-triq. Dana l-ilma baqa’ diehel fil-fond tieghu mill-Gimgha filghaxija, meta huwa induna b’tali ingress tal-ilma, sal Hadd filghaxija, meta eventwalment il-haddiema tal-Water Services Corporation gew u sabu illi kien hemm il-hsara u biddlu pipe tal-ilma.

Illi, ghalkemm ma kienx ikkontestat li l-ilma li dahal fil-fond tal-assikurat Vella kien minn servizz tal-Water Service Corporation, il-korporazzjoni intimata kienet qed tikkontesta r-responsabbilta’ taghha billi sahqet illi l-hsarat ma kienux dovuti ghaliha izda kienu rizultat ta’ xogholijiet ta’ dranagg illi kien sar ftit aktar ‘l fuq mill-propjeta’ ta’ Vella.

Dwar il-kwantum tal-hsarat sofferti mill-assikurat Vella, jirrizulta illi t-talba maghmulha minn Vella kienet aktar minn dik mitluba fl-avviz promotur izda eventwalment l-istess Vella accetta li jithallas tal-hsarat minnu sofferti l-

ammont indikat fl-avviz promotur, liema ammont qatt ma kien kontestat u il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod ma taccettax tali ammont bhala veritjer.

Illi dwar il-kontestazzjoni ta' responsabbilta' tas-socjeta intimata, jirrizulta mill-provi prodotti minnha stess illi, aktar il-fuq fit-triq, kien sar xogholijilet ta' dranagg minn certa Anthony Aquilina. Madanakollu, fl-ebda mument ma tressaq sabiex jixhed dana Anthony Aquilina mill-korporazzjoni intimata u lanqas ma gie qatt kjamat in kawza ghal xi responsabbilta' illi huwa seta kellu.

Illi, madanakollu, kwalsiasi argument li setghet ressqet l-istess korporazzjoni intimata ghal dak li jirrigwarda responsabbilta' certament sfumat fix-xejn meta xehed John Agius, foreman tal-korporazzjoni intimata li kien inkarigat mix-xoghol ta' riparazzjoni kif minnu stess ikkonfermat u ikkonfermat ukoll minn Edwn Vella stess.

Ix-xhud John Vella stqarr illi dwar il-kaz in ezami, jiftakar li:-

"Sibna li kien hemm kanna tal-ilma spiccuta tal-hadid u biddilniha u l-ilma waqaf diehel"

Mistoqsi jekk tali hsarat setghux kew kkawzati minn xoghlijliet ta' terzi fit-triq huwa stqarr hekk:-

"Jiena ghandi nghid illi t-triq fejn kienet din il-kanna kienet triq normali ma kien qed isir l-ebda xoghlijiet f'tali triq. Ma jidhirlix li kien hemm xi tip ta' xoghlijiet li qed isiru fit-triq fil-ument meta ahna morna biddilna l-kanna. Infatti, jiena ghandi nghid li t-triq kienet normali asfaltat u morna fuq il-post, qattajna t-triq fejn kien hemm il-pipe l-antik u biddilna l-pipe l-antik u ghamilna wiehed gdid."

Ix-xhieda ta' John Vella hija wahda cara u limpida - kien hemm pipe tal-ilma tal-Korporazzjoni intimata illi kien antik u inqasam u b'hekk dahal l-ilma.

Ikkunsidrat

Il-Qorti ma tistax, f'dana l-istadju, ma tesprimix id-disappunt kbir taghha lejn id-dilungar inutili da' parte tal-Korporazzjoni tal-Ilma biex tali kwistjoni tinghalaq u kieku l-Korporazzjoni hadet l-izbriga illi tisma dak li kellu jghid l-foreman taghha John Vella fis-sena 2004, meta gara l-incident lill Edwin Vella, certament kienet tisma l-istess verzjoni li din il-Qorti eventwalment semghet disa snin wara, u ghalhekk din il-kawza qatt ma kienet issir.

Il-Qorti hija konxja tal-fatt illi l-verita dejjem trid dejjem tinstab u li hi, bhala istituzzjoni, qieghda hemm sabiex tassikura li l-verita' tohrog u tigi rispettata, izda, f'kazijiet cari bhal dawn, l-utilizzar tal-Qorti semplicement biex jittawwal kwistjoni u tigi imcahhda li ssir il-gustizzja ma dak li haqqu il-gustizzja huwa tassew disprezzabbli u ghandha tigi punita mill-Qorti sabiex ma tirrepetix ruhha.

Il-Qorti ghalhekk ser tiehu hsieb li twassal dan il-messagg billi tadopera l-mezzi lilha moghtija sabiex tipunixxi min itawwal inutilment proceduri fil-Qorti u dana anke invista ta' espressjoni simili gia maghmulha fil-konfront tal-koprorazzoni intimata minn dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, f'decizjoni preliminari taghha.

Konkluzjoni

Il-Qorti,

Rat il-provi kollha prodotti, kemm viva voce kif ukoll permezz ta' dokumentazzjoni.

Rat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Taqta' u tiddeciedi billi,

Filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha imressqa mill-korporazzjoni intimata,

Tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-istess Korporazzjoni intimata thallasa lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tmint

elef, tmien mija u sitta u ghoxrin Euro (€8,826), ekwivalenti ghal tlett elef, sebgha mija u tmienja u tmenin Liri Maltin (LM3,788) flimkien mal-imghax b'effett fit 28 ta' Novembru 2005.

Spejjez tal-proceduri odjerni u tal-Ittra Ufficjali tat 28 ta' Novembru 2005 ikunu a karigu tal-Korporazzjoni intimata.

A tenur tal-Artikolu 10 (1) tat-Tariffa A li tinstab fi Skeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti tordna ukoll lill-Korporazzjoni intimata thallas bhala spejjez addizzjonali lir-Registratur tal-Qrati l-ammont ta' hames mitt Euro (€500) ghar-ragunjiet fuq moghtija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------